DIRETTIVI

DIRETTIVA (UE) 2021/1233 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-14 ta' Lulju 2021

li temenda d-Direttiva (UE) 2017/2397 fir-rigward tal-miżuri ta' tranżizzjoni għar-rikonoxximent ta' ċertifikati ta' pajjiżi terzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tistipula miżuri ta' tranżizzjoni sabiex tiġi żgurata l-validità kontinwa taċ-ċertifikati ta' kwalifika, il-kotba tar-rekords tas-servizz u l-ġurnali ta' abbord maħruġa qabel it-tmiem tal-perijodu ta' traspożizzjoni tagħha, u biex il-membri tal-ekwipaġġ tas-sengħa jingħataw żmien raġonevoli biex japplikaw għal ċertifikat tal-kwalifika tal-Unjoni, jew għal ċertifikat ieħor rikonoxxut bħala ekwivalenti. Madankollu, bl-eċċezzjoni tal-liċenzji tan-navigazzjoni fuq ir-Renu msemmija fl-Artikolu 1(5) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE ([4]), dawk il-miżuri ta' tranżizzjoni ma japplikawx għaċ-ċertifikati tal-kwalifika, għall-kotba tar-rekords tas-servizz u għall-ġurnali ta' abbord maħruġa minn pajjiżi terzi li bħalissa huma rikonoxxuti mill-Istati Membri skont ir-rekwiżiti nazzjonali tagħhom, jew il-ftehimiet internazzjonali, applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

(2) L-Artikolu 10(3), (4) u (5) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 jistabbilixxi l-proċedura u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent ta' ċertifikati, ta' kotba tar-rekords tas-servizz jew ta' ġurnali ta' abbord maħruġa mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz.

(3) Minħabba li l-proċedura għar-rikonoxximent ta' dokumenti ta' pajjiżi terzi hija bbażata fuq il-valutazzjoni tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni fil-pajjiż terz rikjedenti bl-għan li jiġi ddeterminat jekk il-ħruġ taċ-ċertifikati, tal-kotba tar-rekords tas-servizz jew tal-ġurnali ta' abbord speċifikati fit-talba huwiex soġġett għal rekwiżiti li huma identiċi għal dawk stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2017/2397, mhuwiex probabbli li l-proċedura ta' rikonoxximent titlesta qabel is-17 ta' Jannar 2022.

([1]) ĠU C 220, 9.6.2021, p. 87.

([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2021 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021.

([3]) Id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 53).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-akkwist taċ-ċertifikati nazzjonali tas-sidien tad-dgħajjes għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz ta' passaġġi tal-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 31).

(4) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għas-sistema tar-rikonoxximent ta' dokumenti ta' pajjiżi terzi prevista fl-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2017/2397, huwa meħtieġ li jiġu previsti miżuri ta' tranżizzjoni li jippermettu ż-żmien meħtieġ għal pajjiżi terzi biex jallinjaw ir-rekwiżiti tagħhom ma' dawk stabbiliti f'dik id-Direttiva, kif ukoll biex il-Kummissjoni tivvaluta s-sistemi ta' ċertifikazzjoni tagħhom u, fejn xieraq, tadotta att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 10(5) ta' dik id-Direttiva. Dawk il-miżuri jiżguraw ukoll ċertezza legali tad-dritt għall-individwi u għall-operaturi ekonomiċi attivi fis-settur tat-trasport permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni. Fid-dawl ta' dawk l-objettivi, huwa xieraq li tiġi stabbilita d-data ta' skadenza għal dokumenti ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-miżuri ta' tranżizzjoni b'referenza għall-perijodu relatat mat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva estiż b'sentejn.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-miżuri ta' tranżizzjoni applikabbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 38 tad-Direttiva (UE) 2017/2397, jenħtieġ li l-miżuri ta' tranżizzjoni applikabbli għaċ-ċertifikati ta' kwalifika, għall-kotba tar-rekords tas-servizz u għall-ġurnali ta' abbord maħruġa minn pajjiżi terzi u rikonoxxuti mill-Istati Membri ma jiġux applikati wara s-17 ta' Jannar 2032. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent ta' dawn iċ-ċertifikati ta' kwalifika, tal-kotba tar-rekords tas-servizz u tal-ġurnali ta' abbord jenħtieġ li jkun ristrett għall-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni li jinsabu fl-Istat Membru kkonċernat.

(6) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-miżuri ta' tranżizzjoni applikabbli għaċ-ċertifikati ta' kwalifika maħruġa mill-Istati Membri, huwa xieraq li jiġi ċċarat li fir-rigward taċ-ċertifikati ta' pajjiżi terzi, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 jinkludu wkoll ir-rekwiżiti għall-iskambju taċ-ċertifikati eżistenti stabbiliti fl-Artikolu 38(1) u (3) ta' dik id-Direttiva.

(7) Għalhekk, sabiex il-kumpanniji u l-ħaddiema tas-settur tat-trasport permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni jiġu pprovduti b'ċarezza u ċertezza tad-dritt, id-Direttiva (UE) 2017/2397 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(8) F'konformità mal-Artikolu 39(4) tad-Direttiva (UE) 2017/2397, l-Istati Membri fejn in-navigazzjoni f'passaġġi fuq l-ilma interni mhijiex teknikament possibbli mhumiex obbligati jittrasponu dik id-Direttiva. Dik id-deroga għandha tapplika għal din id-Direttiva, mutatis mutandis

(9) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istabbiliment ta' miżuri ta' tranżizzjoni għar-rikonoxximent ta' ċertifikati ta' pajjiżi terzi, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(10) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jipproċedu minnufih bit-traspożizzjoni tal-miżuri stipulati f'din id-Direttiva, jenħtieġ li din tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva (UE) 2017/2397 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe ċertifikat ta' kwalifika, ktieb tar-rekords tas-servizz jew ġurnal ta' abbord li nħareġ skont ir-regoli nazzjonali ta' pajjiż terz li jistipula rekwiżiti li huma identiċi għal dawk f'din id-Direttiva, inkluż dawk li jinsabu fl-Artikolu 38(1) u (3), għandu jkun validu fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni kollha tal-Unjoni, soġġett għall-proċedura u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu.";

(2) fl-Artikolu 38, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. Sas-17 ta' Jannar 2032, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jirrikonoxxu, abbażi tar-rekwiżiti nazzjonali tagħhom, jew il-ftehimiet internazzjonali, applikabbli qabel is-16 ta' Jannar 2018, iċ-ċertifikati ta' kwalifika, il-kotba tar-rekords tas-servizz u l-ġurnali ta' abbord li jkunu nħarġu minn pajjiż terz qabel it-18 ta' Jannar 2024. Ir-rikonoxximent għandu jkun limitat għall-passaġġi fuq l-ilma interni fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.".

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-17 ta' Jannar 2022. Huma għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan..

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Id-deroga stabbilita fl-Artikolu 39(4) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 għandha tapplika għal din id-Direttiva, mutatis mutandis.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2021.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
D. M. SASSOLI	A. LOGAR